# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fl-20 ta' Diċembru 2017[1]

**Kawża C-480/16**

**Fidelity Funds**
**vs**
**Skatteministeriet,**
**fil-preżenza ta':**
**NN (L) SICAV**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-kapital – Restrizzjonijiet – Tassazzjoni tad-dividendi mħallsa lill-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) – Dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti fi Stat Membru lil impriżi residenti fi Stat Membru ieħor – Komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet – Preservazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali"

## Introduzzjoni

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mal-moviment liberu tal-kapital (Artikolu 56 KE, li sar l-Artikolu 63 TFUE) u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikolu 49 KE, li sar l-Artikolu 56 TFUE) tal-leġiżlazzjoni Daniża li tagħti lill-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) stabbiliti fid-Danimakra u li jimpenjaw ruħhom jipproċedu, effettivament jew teknikament, b'distribuzzjoni minima lid-detenturi ta' ishma tagħhom, eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji Daniżi, bl-esklużjoni tal-UCITS stabbiliti fi Stati Membri oħra.

2. Din il-kwistjoni tqum fil-kuntest ta' kawża bejn diversi UCITS, skont id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (85/611/KEE)[2], li għandhom is-sede tagħhom fir-Renju Unit Renju Unit u fil-Lussemburgu, fosthom Fidelity Funds, u l-iSkatteministeriet (il-Ministeru għat-Taxxa, id-Danimarka) dwar talbiet għal rimbors ta' taxxi f'ras il-għajn miżmuma fuq id-dividendi mħallsa lil dawn l-UCITS minn

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 139. Din id-direttiva kellha l-għan, skont ir-raba' premessa tagħha, li tistabilixxi regoli bażiċi komuni għall-awtorizzazzjoni, is-sorveljanza, l-istruttura u l-attivitajiet tal-UCITS li jinstabu fl-Istati Membri u għall-informazzjoni li huma għandhom jippubblikaw (ara, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, Gruslin C-88/13, EU:C:2014:2205, punt 33 u tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International C-48/15, EU:C:2016:356, punt 31). Id-Direttiva 85/611 ġiet emendata diversi drabi qabel ma tħassret, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, bid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU 2009, L 302, p. 32), li fasslitha mill-ġdid.

kumpanniji Daniżi bejn is-sena 2000 u s-sena 2009. Dawn l-UCITS qed jitolbu dan ir-rimbors għaliex isostnu li għandhom jingħataw l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw fid-Danimarka l-UCITS residenti. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Daniża tistabbilixxi differenza fit-trattament li tmur kontra l-moviment liberu tal-kapital u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni.

3. Mill-kuntest ġuridiku spjegat mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, skont il-lov om indkomstbeskatning af aktieselskaber m.v. (selskabsskatteloven) (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji), (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-TK"), l-UCITS li huma fiskalment residenti fid-Danimarka huma suġġetti għat-taxxa fid-Danimarka fuq id-dħul kollu tagħhom. L-UCITS u fondi oħra ta' investiment li ma għandhomx ir-residenza fiskali tagħhom fid-Danimarka, min-naħa tagħhom, huma suġġetti għat-taxxa biss fuq id-dividendi li jitqassmu lilhom minn kumpanniji Daniżi, peress li dan l-obbligu fiskali limitat jirrigwarda biss dħul li joriġina mid-Danimarka.

4. Skont l-Artikolu 65(1) tal-kildeskatteloven (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn"), kull deċiżjoni ta' distribuzzjoni ta' dividendi minn kumpannija Daniża għandha tistipula li għandha tinżamm taxxa f'ras il-għajn ta' ċertu perċentwali tat-total imqassam, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja. Ir-rata li biha għandha tiġi applikata t-taxxa f'ras il-għajn kienet stabbilita għal 25 % fl-2000 iżda żdiedet għal 28 % bejn is-sena 2001 u s-sena 2009, u dan sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni iktar favorevoli skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja. Jekk ir-rata ta' tassazzjoni finali tkun inqas minn dik tat-taxxa f'ras il-għajn, l-UCITS tista' titlob ir-rimbors tat-taxxa li tħallset żejda.

5. Ir-regoli tal-Liġi dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn huma applikabbli wkoll għall-UCITS Daniżi, li huma għalhekk, *a priori*, suġġetti għal din il-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni tad-dividendi. Madankollu, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 65(8) tal-Liġi dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn jirriżulta li l-Ministru għat-Taxxa Daniż jista' jadotta regoli li jipprevedu li d-distribuzzjonijiet ta' dividendi lil fondi li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 C (iktar 'il quddiem il-"fondi tal-Artikolu 16 C") tal-lov om påligningen af indkomstskatk til staten (ligningsloven) (il-Liġi dwar il-Bażi tal-Kontribuzzjonijiet), (iktar 'il quddiem il-"ligningslov") huma eżentati minn taxxa f'ras il-għajn. Waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni ministerjali li tispjega l-ligningslov (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ministerjali"), il-Ministru għat-Taxxa Daniż uża din il-fakultà sabiex jeżenta l-fondi tal-Artikolu 16 C li huma residenti fid-Danimarka minn kull taxxa f'ras il-għajn.

6. Skont l-Artikolu 38 tad-deċiżjoni ministerjali, kull UCITS tista' tinħareġ ċertifikat ta' eżenzjoni u tibbenefika mill-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi, bil-kundizzjoni, minn naħa, li tkun impriża li taqa' taħt l-Artikolu 1(1)(6) tal-Liġi dwar it-TK (u għalhekk residenti fid-Danimarka), u, min-naħa l-oħra, li jkollha status ta' fond tal-Artikolu 16 C. UCITS li hija residenti fid-Danimarka li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 16 C tal-ligningslov ma hijiex eżentata mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi.

7. L-Artikolu 16 C tal-ligningslov jiddefinixxi xi tfisser l-espressjoni "fondi tal-Artikolu 16 C". B'hekk, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ sa l-1 ta' Ġunju 2005, sabiex UCITS tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "fond tal-Artikolu 16 C", jeħtieġ li hija tqassam ammont minimu stipulat (iktar 'il quddiem id-"distribuzzjoni minima"). Id-distribuzzjoni minima tikkostitwixxi l-valur taxxabbli tad-dħul tal-fond fir-rigward tad-detenturi ta' ishma tagħha.

8. Wara l-adozzjoni tal-Liġi Nru 407 tal-1 ta' Ġunju 2005 u b'effett minn din id-data, ma baqax mitlub li UCITS għandha effettivament tipproċedi b'distribuzzjoni minima lid-detenturi ta' ishma tagħha sabiex tkun tista' tibbenefika mill-istatus ta' "fond tal-Artikolu 16 C". Il-benefiċċju ta' dan l-istatus madankollu baqa' dejjem suġġett għall-kundizzjoni li l-UCITS tipproċedi bl-iffissar ta' distribuzzjoni minima, suġġetta għat-taxxa f'idejn id-detenturi ta' ishma tagħha, permezz ta' taxxa f'ras il-għajn, miġbura mill-fond. Mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, b'riferiment għall-espożizzjoni tal-motivi ta' din il-liġi, jirriżulta li l-għan ta' din l-emenda kien li jagħmilha iktar faċli għall-UCITS barranin sabiex jibbenefikaw mill-istatus ta' fond tal-Artikolu 16 C, sabiex dawn il-fondi ma jibqgħux

jintalbu jadattaw il-politika ta’ distribuzzjoni tagħhom skont il-leġiżlazzjoni fiskali Daniża, fatt li huwa ta’ interess għall-fondi li d-detenturi ta’ ishma Daniżi tagħhom huma minoritarji ħafna. Mill-osservazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jirriżulta li ċerti UCITS mhux residenti fid-Danimarka setgħu jissodisfaw ir-regoli relatati mad-distribuzzjoni minima prevista fl-Artikolu 16 C tal-ligningslov.

9. Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-imsemmija regoli huma spjegati fl-Artikolu 16 C(2) sa (6) tal-ligningslov. Skont l-Artikolu 16 C(2), id-distribuzzjoni minima hija magħmula mis-somma tad-dħul u tal-ammonti netti riċevuti matul is-sena finanzjarja, somma li minnha jitnaqqsu t-telf u l-ispejjeż. L-Artikolu 16 C(3) tal-ligningslov jipprevedi li f’dan il-kakolu huma inklużi numru ta’ sorsi ta’ dħul elenkati f’dan l-artikolu, b’mod partikolari l-interessi, id-dividendi tal-azzjonijiet, il-prodotti ta’ kreditu u l-kuntratti finanzjarji kif ukoll il-qligħ kapitali fuq trasferiment ta’ azzjonijiet. Skont l-Artikolu 16 C(4) u (5) tal-ligningslov, il-fondi tal-Artikolu 16 C jistgħu jnaqqsu t-telf fiskalment ammissibbli kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi.

10. Fid-dawl ta’ din il-leġiżlazzjoni, Fidelity Funds u NN (L) SICAV isostnu li huma ma jistgħux, min-natura tagħhom, jissodisfaw l-ewwel kundizzjoni li tirrigwarda r-residenza fiskali fid-Danimarka sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa f’ras il-għajn. Din il-kundizzjoni tikkostitwixxi differenza fit-trattament fiskali tal-UCITS skont l-Istat ta’ residenza tagħhom u hija kuntrarja, fl-opinjoni ta’ dawn il-partijiet fil-kawża prinċipali, għall-Artikolu 56 KE, mingħajr ma tista’ tkun iġġustifikata b’raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, dwar l-iffissar ta’ distribuzzjoni minima, Fidelity Funds u NN (L) SICAV jispjegaw li ma għandhom l-ebda inċentiv sabiex jissodisfawha, peress li, minħabba l-ewwel kundizzjoni, huma ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jibbenefikaw mill-iskema mogħtija lill-fondi tal-Artikolu 16 C. Din it-tieni kundizzjoni hija, fl-opinjoni tagħhom, fiha nnifisha kuntrarja għall-moviment liberu tas-servizzi, iggarantit mill-Artikolu 49 KE, peress li l-UCITS ma humiex ikkostitwiti taħt il-leġiżlazzjoni ta’ kull Stat Membru fejn jistgħu jirrisjedu d-detenturi ta’ ishma tagħhom, iżda taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tar-residenza tagħhom. Li kieku tali rekwiżit kellu jiġi impost fuq kull UCITS mhux residenti, l-armonizzazzjoni li wettqet id-Direttiva 85/611 kif ukoll id-dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jsiru irrilevanti.

11. Peress li kienet tqis li l-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali kien jiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 KE u 56 KE, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Sistema fiskali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fil-kuntest tagħha impriżi ta’ investiment kollettiv koperti mid-Direttiva [85/611] li ma humiex Daniżi huma ntaxxati f’ras il-għajn fir-rigward ta’ dividendi minn kumpanniji Daniżi, tmur kontra l-Artikolu 56 KE (li sar l-Artikolu 63 TFUE) dwar il-moviment liberu ta’ kapital jew kontra l-Artikolu 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE) dwar il-liberà li jiġu pprovduti servizzi, meta impriżi ta’ investiment kollettiv ekwivalenti Daniżi jistgħu jiksbu eżenzjoni mit-taxxa f’ras il-għajn, jew għaliex effettivament iwettqu distribuzzjoni minima lill-membri tagħhom bi skambju għaż-żamma tat-taxxa f’ras il-għajn, jew inkella għaliex teknikament tiġi kkalkolata distribuzzjoni minima li fir-rigward tagħha tinżamm it-taxxa f’ras il-għajn inkonnessjoni mal-membri tal-impriżi?”

12. Dwar din il-kwistjoni saru osservazzjonijiet bil-miktub minn Fidelity Funds, NN (L) SICAV, il-Gvern Daniż, Ġermaniż u dak Olandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. It-trattazzjonijiet ta’ dawn il-partijiet instemgħu wkoll matul is-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2017.

## Analiżi

13. Qabel xejn għandu jingħad li, kuntrarjament għall-impressjoni li l-argumenti mressqa b’mod partikolari minn Fidelity Funds quddiem il-qorti tar-rinviju setgħu taw, din tal-aħħar ma tistaqsix lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 85/611.

14. Fil-fatt, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 32), it-tassazzjoni tal-UCITS ma taqax fil-qasam irregolat minn din id-direttiva, li ma fiha ebda dispożizzjoni dwarha. Madankollu, f'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 85/611 kien jitlob li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli fi Stat Membru għall-UCITS u li ma jaqgħux fil-qasam irregolat minn din id-direttiva kellhom jiġu applikati mingħajr diskriminazzjoni, li jfisser li l-Direttiva 85/611 ma tipprekludix l-issuġġettar tal-UCITS li jikkummerċjalizzaw l-ishma tagħhom fi Stat Membru għal taxxa annwali, sakemm din tiġi applikata mingħajr diskriminazzjoni[3]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, loġikament, analizzat jekk l-issuġġettar tal-UCITS għat-tali taxxa inkwistjoni f'dik il-kawża kienx diskriminatorju u joħloq ostakolu fid-dawl tal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat KE[4]. Huwa għalhekk, li jinftiehem perfettament, fir-rigward, kif inhuwa l-każ fil-kawża prinċipali, ta' jekk leġiżlazzjoni li tipprevedi differenza fit-trattament fiskali bejn UCITS abbażi ta' kriterju ġeneralment aċċettat fid-dritt fiskali internazzjonali u rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri dak tar-residenza fiskali tal-impriżi kkonċernati[5], li l-qorti tar-rinviju llimitat ruħha tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni mal-moviment liberu tal-kapital u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

15. Wara din il-kjarifika, l-analiżi tad-differenza fit-trattament fiskali magħmula mil-leġiżlazzjoni Daniża ser tkopri erba' punti, li minnhom huma l-aħħar tnejn biss li jeħtieġu argumenti sostanzjali. Fil-fatt, għalkemm ma hemmx dubju li hija l-libertà ta' moviment tal-kapital li tirriżulta li hija rilevanti f'din il-kawża (A) u li l-leġiżlazzjoni Daniża tikkostitwixxi restrizzjoni għal din il-libertà (B), il-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni tal-UCITS residenti u ta' dawk mhux residenti fid-Danimarka hijiex komparabbli (C) u l-motivi ta' ġustifikazzjoni għal din ir-restrizzjoni (D) huma kwistjonijiet iktar diffiċli, kif intwera waqt is-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### *A. Fuq l-applikazzjoni tal-moviment liberu tal-kapital*

16. Kif jidher mill-kliem tad-domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju ma hijiex ċerta dwar l-għażla tal-libertà li fid-dawl tagħha l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi evalwata. B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-leġiżlazzjoni Daniża hijiex kuntrarja għall-Artikolu 56 KE (li sar l-Artikolu 63 TFUE) dwar il-moviment liberu tal-kapital, jew għall-Artikolu 49 KE (li sar Artikolu 56 TFUE) dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

17. Skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi stabbilit jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt waħda jew l-oħra mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat KE, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali[6].

18. F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni Daniża ma tirrigwardax il-kundizzjonijiet għall-aċċess tal-UCITS mhux residenti għas-suq ta' Stat Membru, f'dan il-każ ir-Renju tad-Danimarka, iżda t-trattament fiskali tad-dħul ta' dawn l-impriżi, li għalhekk jaffettwa b'mod dirett l-investimenti li huma jagħmlu fid-Danimarka. Din is-sempliċi konstatazzjoni tista'diġà tkun biżżejjed, fl-opinjoni tiegħi, sabiex tiġi eskluża l-applikabbiltà tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

3 Sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punti 32 u 33).

4 Sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 33).

5 Infakkar li, fil-qasam ta' taxxi diretti, is-sitwazzjoni tar-residenti u ta' dawk mhux residenti ma humiex, bħala regola ġenerali, komparabbli: ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, EU:C:1995:31, punt 31), tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center (C-282/07, EU:C:2008:762, punt 38) u tal-24 ta' Frar 2015, Grünewald (C-559/13, EU:C:2015:109, punt 25), li jimplika li differenza fit-trattament bejn persuni taxxabbli residenti u persuni taxxabbli mhux residenti ma tistax, fiha nnfisha, tkun ikkunsidrata bħala "diskriminazzjoni" fis-sens tat-Trattat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center (C-282/07, EU:C:2008:762, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

6 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Dijkman u Dijkman-Lavaleije (C-233/09, EU:C:2010:397, punt 26) u tal-21 ta' Mejju 2015, Wagner-Raith (C-560/13, EU:C:2015:347, punt 31).

19. Barra minn hekk, kuntrarjament għas-sitwazzjoni li minnha oriġinat is-sentenza tat-3 ta’ Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punti 2 u 45 sa 47), li kienet tirrigwarda l-projbizzjoni imposta mill-awtoritajiet Ġermaniżi fuq kumpannija Svizzera milli tagħti krediti, fuq bażi kummerċjali, lil klijenti Ġermaniżi minħabba li ma kellhiex l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex teżerċita tali attività, li fir-rigward tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din kienet taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-esklużjoni mill-benefiċċju tal-eżenzjoni fiskali, prevista mil-leġiżlazzjoni Daniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għad-dannu tal-UCITS mhux residenti li jirċievu dividendi mħallsa minn kumpanniji Daniżi, ma għandhiex l-effett li tipprekludi l-aċċess għas-suq Daniż ta’ dawn l-operaturi ekonomiċi.

20. Huwa veru li l-applikazzjoni ta’ tali leġiżlazzjoni tista’ tagħmel iktar oneruża l-provvista ta’ servizzi finanzjarji tal-UCITS mhux residenti fir-rigward tal-investituri Daniżi minn dik imwettqa, bl-istess kundizzjonijiet, mill-UCITS Daniżi [7].

21. Minkejja li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista’ għalhekk tkun affettwata mit-tassazzjoni li għaliha huma suġġetti l-UCITS mhux residenti bl-esklużjoni tal-UCITS residenti, b’tali mod li din id-differenza jista’ jkollha effetti fuq is-servizzi finanzjarji offruti fid-Danimarka minn dawn tal-ewwel, din il-libertà xorta tidher sekondarja meta mqabbla mal-moviment liberu tal-kapital u tista’, fi kwalunkwe każ, tkun marbuta miegħu [8].

22. Għal kull fini, inżid li mid-dokumenti tal-proċess u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jirriżulta li l-ishma miżmuma minn Fidelity Funds u NN (L) SICAV fil-kumpanniji Daniżi saru bl-intenzjoni li jsir investiment finanzjarju biss, mingħajr l-intenzjoni li jkun hemm influwenza fuq it-tmexxija u l-kontroll tal-impriża, b’tali mod li huwa l-moviment liberu tal-kapital biss, u mhux il-libertà ta’ stabbiliment, li jidher li huwa rilevanti [9].

23. Konsegwentement, kif osservaw fil-qosor b’mod korrett il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni, inqis li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital, kif iggarantit mill-Artikolu 56 KE.

### *B. Fuq l-eżistenza ta’ restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital*

24. Il-miżuri pprojbiti bl-Artikolu 56(1) KE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital, jinkludu b’mod partikolari dawk li huma ta’ natura li jiddiswadu lill-persuni li ma humiex residenti milli jinvestu fi Stat Membru [10].

25. F’dan il-każ, skont il-leġiżlazzjoni Daniża applikabbli fil-perijodu tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, kif tirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, id-dividendi mqassma minn kumpannija residenti lil UCITS mhux residenti kienu taxxabbli, bħala regola, bir-rata ta’ 25 % fl-2000 u żdiedu għal 28 % bejn is-sena 2001 u s-sena 2009, b’applikazzjoni ta’ taxxa f’ras il-għajn, sakemm ma kinitx tapplika rata differenti skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, filwaqt li tali dividendi kienu eżentati meta

7 Infakkar li, il-miżuri nazzjonali li jipprojbixxu, jostakolaw jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta’ din il-libertà jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi: ara, b’mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta’ Ottubru 2012, X (C-498/10, EU:C:2012:635, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta’ Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 41).

9 Skont din l-informazzjoni, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dawn l-ishma qatt ma qabżu l-10 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji Daniżi. Fuq il-kriterju ta’ distinzjoni bejn il-moviment liberu tal-kapital u l-libertà ta’ stabbiliment, ara, b’mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta’ Settembru 2017, The Trustees of the BT Pension Scheme (C-628/15, EU:C:2017:687, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta’ Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2011:61 punt 50), tal-10 ta’ Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 15) u tas-26 ta’ Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 44).

dawn kienu mħallsa lil UCITS residenti, sakemm, fuq kollox, tali impriża kienet tissodisfa r-rekwiżiti sabiex tikkwalifika bħala fond tal-Artikolu 16 C, jiġifieri, sal-31 ta' Mejju 2005, li effettivament tipproċedi b'distribuzzjoni minima lid-detenturi ta' ishma tagħha, jew b'effett mill-1 ta' Ġunju 2005, li teknikament tistabbilixxi tali distribuzzjoni minima [11].

26. Konsegwentement, biss l-UCITS residenti fid-Danimarka u li jikkwalifikaw bħala fondi tal-Artikolu 16 C kienu eżentati mit-taxxa, filwaqt li l-UCITS mhux residenti kienu esklużi b'mod sistematiku minnha, inkluż meta, kif jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, l-UCITS mhux residenti jibbenefikaw minn tnaqqis tar-rata ta' tassazzjoni tad-dividendi skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja jew meta, li ma jidhirx li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, huma jipproċedu effettivament jew jistabbilixxu teknikament distribuzzjoni minima għall-benefiċċju tad-detenturi ta' ishma tagħhom.

27. Tali differenza ta' trattament fiskali tad-dividendi bejn UCITS skont, b'mod partikolari, il-post tar-residenza tagħhom jista' jiddiswadi, minn naħa, lill-UCITS mhux residenti milli jipproċedu b'investimenti f'kumpanniji stabbiliti fid-Danimarka u, min-naħa l-oħra, lill-investituri li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru milli jakkwistaw ishma f'UCITS mhux residenti [12].

28. Konsegwentement, kif fuq kollox jammetti l-Gvern Daniż, tali leġiżlazzjoni fiskali tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, li bħala regola hija kuntrarja għall-Artikolu 56 KE.

29. Ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital li għadha kemm ġiet esposta madankollu tista' tkun aċċetta fid-dritt tal-Unjoni jekk, skont l-Artikolu 58(1)(a) KE, id-differenza fit-trattament li fuqha hija bbażata tirrigwarda sitwazzjonijiet li ma humiex komparabbli b'mod oġġettiv jew hija ġġustifikata b'raġuni imperattiva ta' interess ġenerali [13].

30. Kif indikat preċedentement, hemm bżonn li jiġu analizzati f'iktar dettall, kemm il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni għall-movimenti tal-kapital li huma implikati mil-leġiżlazzjoni Daniża.

### *C. Fuq il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

31. Għandu jitfakkar li l-komparabbiltà ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni nazzjonali għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kif ukoll tal-għan u l-kontenut ta' dawn tal-aħħar [14].

32. F'dak li jirrigwarda l-għanijiet li għandhom jiġu segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Daniż jirriżulta li din hija intiża, minn naħa, sabiex tipprojbixxi sensiela ta' tassazzjoni doppja, meta l-investiment isir permezz ta' UCITS u, min-naħa l-oħra, sabiex tiżgura li d-dividendi mqassma minn kumpanniji Daniżi ma jaħarbux is-setgħa ta' tassazzjoni tad-Danimarka minħabba l-eżenzjoni tagħhom fil-livell tal-UCITS residenti u jkunu effettivament darba suġġetti għal din is-setgħa ta' tassazzjoni, fil-livell tad-detenturi ta' ishma tal-imsemmija impriżi.

11 Għandu jiġi nnotat li, fil-kritika tagħha għall-evalwazzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju, NN (L) SICAV tallega li, skont il-leġiżlazzjoni Daniża applikabbli fil-mument tal-fatti tal-kawża prinċipali, l-UCITS Daniżi kollha kienu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn u mhux biss l-UCITS Daniżi msejħa ta' "distribuzzjoni", jiġifieri l-fondi tal-Artikolu 16 C. Madankollu, huwa stabbilit li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 267 TFUE, peress li l-qorti tar-rinviju waħeda hija responsabbli mill-identifikazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkontesta l-premessa li fuqha l-qorti tar-rinviju bbażat ruħha: ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Online Games *et* (C-685/15, EU:C:2017:452, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata)

12 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 17) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 42).

13 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Ara s-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek (C-252/14, EU:C:2016:402, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-għan ta’ prevenzjoni ta’ sensiela ta’ tassazzjoni, mill-ġurisprudenza jirriżulta ċertament li, fir-rigward tal-miżuri previsti minn Stat Membru sabiex jipprevjeni jew inaqqas is-sensiela ta’ tassazzjoni, jew it-tassazzjoni ekonomika doppja ta’ dħul imqassam minn kumpannija residenti, il-kumpanniji, il-persuni taxxabbli jew l-azzjonisti benefiċjarji residenti ta’ dan l-Istat Membru mhux neċessarjament jinsabu f’sitwazzjoni komparabbli għal dik ta’ kumpanniji, persuni taxxabbli jew azzjonisti benefiċjarji residenti fi Stat Membru ieħor [15].

34. Madankollu, mill-mument meta Stat Membru, b’mod unilaterali jew permezz ta’ ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lil kumpanniji, lil persuni taxxabbli jew lil azzjonisti residenti, iżda anki lil kumpanniji, lil persuni taxxabbli jew lil azzjonisti mhux residenti, fir-rigward tad-dividendi li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija kumpanniji mhux residenti tqarreb lejn dik tal-kumpanniji residenti [16].

35. Fil-fatt, huwa biss l-eżerċizzju minn dan l-istess Stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta’ sensiela ta’ tassazzjoni jew ta’ tassazzjoni ekonomika doppja. F’tali każ, sabiex il-benefiċjarji mhux residenti ma jiġux ikkonfrontati b’restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, bħala regola, mill-Artikolu 56 KE, l-Istat ta’ residenza tal-kumpannija distributriċi għandu jiżgura li, fir-rigward tal-mekkaniżmu stabbilit mid-dritt nazzjonali tiegħu għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta’ sensiela ta’ tassazzjoni jew ta’ tassazzjoni ekonomika doppja, il-kumpanniji, il-persuni taxxabbli jew l-azzjonisti mhux residenti jiġu ssuġġettati għal trattament ekwivalenti għal dak li minnu jibbenefikaw il-kumpanniji, il-persuni taxxabbli jew l-azzjonisti residenti [17].

36. Fil-kawża prinċipali, peress li r-Renju tad-Danimarka għażel li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fuq id-dividendi mħallsa lill-UCITS mhux residenti minn kumpanniji Daniżi, dawn l-UCITS jinsabu għaldaqstant f’sitwazzjoni komparabbli ma’ dik tal-UCITS residenti f’dak li jirrigwarda r-riskju ta’ sensiela ta’ tassazzjoni tad-dividendi mħallsa minn kumpanniji Daniżi.

37. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-għan intiż sabiex jissuġġetta l-eżenzjoni tal-UCITS residenti għall-kundizzjoni li t-tassazzjoni ssir fil-livell tad-detenturi ta’ ishma ta’ dawn l-impriżi, dan jista’ jwassal sabiex titqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fl-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet, għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta’ ishma.

38. F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-kriterji ta’ distinzjoni stabbiliti mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta’ evalwazzjoni ta’ differenza fit-trattament fir-rigward tat-tassazzjoni tad-dividendi mqassma [18].

15 Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta’ Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punt 42), tal-20 ta’ Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-284/09, EU:C:2011:670, punt 55) u tal-25 ta’ Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-387/11, EU:C:2012:670, punt 48).

16 Ara, f’dan is-sens, b’mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta’ Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punt 43), tal-20 ta’ Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-284/09, EU:C:2011:670, punt 56), tal-25 ta’ Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-387/11, EU:C:2012:670, punt 49) u tas-17 ta’ Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 67).

17 Ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta’ Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-284/09, EU:C:2011:670, punt 57), tal-25 ta’ Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-387/11, EU:C:2012:670, punt 50) u tas-17 ta’ Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 68).

18 Ara s-sentenzi tal-10 ta’ Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 28) u tal-10 ta’ April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 61).

39. Kif diġà indikajt, fil-kawża prinċipali, l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn li minnha jgawdu l-UCITS hija bbażata fuq żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, l-UCITS għandhom ikunu residenti fid-Danimarka. Min-naħa l-oħra, sal-31 ta' Mejju 2005, dawn l-impriżi kien jeħtieġilhom jipproċedu b'distribuzzjoni minima b'tali mod li fuq tali distribuzzjoni tinżamm taxxa f'ras il-għajn lid-detenturi ta' ishma tagħhom, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Ġunju 2005 dan ir-rekwiżit ġie mibdul f'sempliċi kalkolazzjoni teknika tad-distribuzzjoni minima, li fuqha d-detenturi ta' ishma komplew jiġu intaxxati, permezz ta' taxxa f'ras il-għajn miġbura mill-UCITS.

40. Din il-karatteristika doppja tidher tiddistingwi l-leġiżlazzjoni Daniża mil-leġiżlazzjoni Franċiża li minnha oriġinat is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286). Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-komparabbiltà oġġettiva tal-UCITS residenti u mhux residenti fi Franza, filwaqt li ma ħaditx inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma tal-UCITS, peress li l-leġiżlazzjoni Franċiża kienet ibbażata fuq kriterju ta' distinzjoni wieħed, jiġifieri l-post ta' residenza ta' dawn l-impriżi.

41. Fid-dawl tad-differenza bejn il-qafas leġiżlattiv fiskali Franċiż u Daniż li għadha kemm ġiet murija u minkejja li l-partijiet ikkonċernati ddiskutew b'mod partikolari l-konsegwenzi li għandhom jiġu misluta mis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286) għal din il-kawża, huwa pjuttost kurjuż li jiġi kkonstatat li l-ebda Gvern mit-tliet Gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub ma sostna l-argument li l-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet kellu jinkludi s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma. Fil-fatt, filwaqt li, huwa u jirreferi għal din il-kawża l-Gvern Daniż illimita ruħu jiġġustifika din il-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-preżervazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali, u, b'mod iktar fil-qosor, tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni [19], il-Gvern Ġermaniż u dak Olandiż ibbażaw ir-rimarki tagħhom rispettivi dwar il-komparabbiltà oġġettiva tas-sitwazzjonijiet sempliċement fuq il-vetturi ta' investiment li l-UCITS jikkostitwixxu.

42. Filwaqt li jaqblu mal-argument li l-komparabbiltà għandha ssir biss fuq is-sitwazzjoni tal-UCITS, bl-esklużjoni tas-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma tagħhom, kienu finalment Fidelity Funds u NN (L) SICAV kif ukoll, xi ftit inqas, il-Kummissjoni, li ppreżentaw l-iktar argumenti ddettaljati dwar il-livell li fih l-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet kellu jsir. B'mod iktar speċifiku, skont NN (L) SICAV, il-leġiżlazzjoni Daniża stabbilixxiet kriterju ta' distinzjoni bbażat biss fuq il-post ta' residenza tal-UCITS li tibbenefika mid-dividendi, u l-eżenzjoni fiskali li minnha jgawdu l-UCITS residenti ma hijiex suġġetta għat-tassazzjoni tad-dħul imqassam fi ħdan id-detenturi ta' ishma tagħhom. Il-leġiżlazzjoni Daniża ma tistabbilixxi l-ebda rabta bejn it-trattament fiskali tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali, riċevuti mill-UCITS ordinarji (jew ta' kapitalizzazzjoni), u s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma tagħhom. Fir-rigward tal-fondi tal-Artikolu 16 C, li jqassmu mill-ġdid parzjalment id-dividendi riċevuti, il-leġiżlazzjoni Daniża lanqas ma tikkunsidra s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma tagħhom. It-taxxa f'ras il-għajn imposta fuq id-dividendi mqassma lil UCITS mhux residenti għalhekk ma titnaqqasx jekk dik l-impriża għandha detenturi ta' ishma residenti fid-Danimarka u li s-sitwazzjoni fiskali tagħhom hija komparabbli ma' dik ta' detenturi ta' ishma ta' UCITS residenti fid-Danimarka. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-UCITS residenti u mhux residenti jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli, anki jekk it-tassazzjoni tad-detenturi tal-ishma tagħhom hija meħuda inkunsiderazzjoni fil-komparabbiltà. Finalment, Fidelity Funds iżżid li, peress li jissemmew fid-Direttiva 85/611, l-UCITS mhux residenti għandhom jiġu kkomparati mal-UCITS residenti fid-Danimarka.

19 Fuq dawn il-motivi ta' ġustifikazzjoni, ara l-punti 61 sa 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43. Minn naħa tiegħi, u għar-raġunijiet li ser nesponi fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, inklinat inqis li, tkun xi tkun il-perspettiva li minnha għandu jsir l-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet, is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma oġġettivament komparabbli, b'tali mod li, finalment, għandu jiġi analizzat jekk il-leġiżlazzjoni Daniża tistax tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari, minħabba l-bżonn ta' preżervazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali.

44. Qabel xejn, ma naqbilx mal-argument imressaq minn Fidelity Funds li l-istatus ta' UCITS irregolat mid-Direttiva 85/611 huwa biżżejjed sabiex tiġi kkonstatata l-komparabbiltà oġġettiva tal-UCITS mhux residenti u tal-UCITS Daniżi, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali Daniża. Fil-fatt, minbarra li, kif diġà semmejt, il-fiskalità tal-UCITS ma taqax fil-qasam tad-Direttiva 85/611[20], mill-perspettiva tal-moviment liberu tal-kapital, l-eżami tal-komparabbiltà ma jirrigwardax l-istatus ġuridiku tal-operaturi kkonċernati, iżda s-sitwazzjoni tagħhom mill-perspettiva tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni[21]. Fl-analiżi tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ta' operaturi ekonomiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk diġà eskludiet ir-rilevanza tal-istatus ta' UCITS peress li dan tal-aħħar ma huwiex kopert bil-kriterju jew kriterji ta' distinzjoni li fuqhom hija bbażata l-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli[22].

45. Sussegwentement, sabiex jiġi stabbilit f'liema livell għandha ssir il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet, jiġifieri jekk hux biss fil-livell tal-UCITS, jew inkella anke fil-livell tad-detenturi tal-ishma, il-partijiet ikkonċernati ddiskutew, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwistjoni dwar jekk iż-żewġ kriterji li fuqhom hija bbażata l-leġiżlazzjoni nazzjonali kinux awtonomi jew inkella relatati mill-qrib.

46. Fil-fatt, risposta ċara għal din il-mistoqsija fis-sens tal-awtonomija jew tan-natura separabbli tal-kriterju tar-residenza tal-UCITS meta mqabbel mal-kriterju relatat mar-rekwiżit ta' distribuzzjoni minima (effettiva jew teknika) tista' għalhekk tissuġġerixxi b'mod qawwi li finalment, il-leġiżlazzjoni Daniża ma hijiex 'il bogħod mil-leġiżlazzjoni Franċiża li minnha oriġinat il-kawża li tat lok għas-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286) jew mil-leġiżlazzjoni Pollakka li minnha oriġinat il-kawża li tat lok għas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249). Fi kliem ieħor, sa fejn dawn iż-żewġ leġiżlazzjonijiet huma bbażati, b'mod esklużiv jew prinċiparjament, fuq il-post ta' residenza tal-UCITS ikkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet kellha ssir biss fil-livell ta' dawn l-impriżi[23].

47. F'dan il-każ, indipendentement mill-kritiki li tagħmel NN (L) SICAV dwar l-interpretazzjoni allegatament żbaljata tal-leġiżlazzjoni Daniża li għamlet il-qorti tar-rinviju li ma jistgħux jiġu eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qafas tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE[24], ċerti elementi jitolbu, fl-opinjoni tiegħi, li jitqies li l-kriterju tar-residenza tal-UCITS huwa mhux biss separabbli mill-kriterju tad-distribuzzjoni minima (effettiva jew teknika), iżda wkoll jieħu preċedenza fuq dan tal-aħħar. Fil-fatt, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li ż-żewġ kriterji msemmija fl-Artikolu 38 tad-deċiżjoni ministerjali jidhru f'żewġ leġiżlazzjonjiet nazzjonali differenti[25]. Barra minn hekk, il-Gvern Daniż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu aċċetta li t-tieni

20 Ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

21 Ara, f'dan ir-rigward, b'analoġija, fuq in-natura komparabbli tas-sitwazzjoni ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata residenti rregolata miid-dritt Finlandiż u ta' SICAV irregolata mid-dritt Lussemburgiż, forma ġuridika li ma hijiex permissibbli taħt id-dritt Finlandiż, li t-tnejn jirċievu dividendi minn sors Finlandiż is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punti 50 sa 56).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 68).

23 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punti 32, 39 u 41) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punti 62, 63 u 68).

24 Ara fuq dan il-punt, in-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk, fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, m'inix ser nerġa' nirreferi għal dawn il-kritiki li jidhru kemm-il darba fl-osservazzjonijet ta' NN (L) SICAV u li ġew irripetuti waqt is-seduta.

25 Jiġifieri l-Liġi dwar it-TK u l-ligningslov, ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kriterju jista', jekk ikun il-każ, jiġi applikat indipendentement mill-kriterju tar-residenza tal-UCITS. Min-naħa l-oħra, kif sostnew Fidelity Funds u NN (L) SICAV u kif ammetta l-Gvern Daniż, minkejja li ċerti UCITS mhux residenti jistgħu xorta jissodisfaw (u jissodisfaw fil-prattika) it-tieni kriterju, huma biss l-UCITS Daniżi li jistgħu jissodisfaw il-kundizzjoni ta' residenza fid-Danimarka.

48. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet għandha ssir biss fir-rigward tal-kriterju prinċipali u li jieħu preċedenza użat mil-leġiżlazzjoni Daniża, jiġifieri l-post ta' residenza tal-UCITS, u għalhekk hemm lok li jiġi kkonstatat, bħas-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punti 63 u 69), li hija biss is-sitwazzjoni tal-UCITS, skont jekk humiex residenti jew le fid-Danimarka, li għandha tiġi kkomparata u li, finalment, dawn il-vetturi ta' investiment jinsabu f'sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli f'dak li jirrigwarda t-trattament fiskali tad-dividendi li huma jirċievu minn kumpanniji Daniżi.

49. Xorta jibqa' l-fatt li l-loġika li fuqha hija bbażata l-leġiżlazzjoni Daniża hija li l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn hija mogħtija lill-UCITS residenti biss jekk tkun akkumpanjata minn distribuzzjoni minima (effettiva jew teknika) lid-detenturi tal-ishma tagħhom, li mingħandhom dawn l-impriżi jiġbru taxxa, permezz tat-taxxa f'ras il-għajn. Issa, ir-Renju tad-Danimarka ma jagħtix l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn lil UCITS Daniża ħlief jekk ikun ċert li huwa jkun jista' jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fuq id-dividendi mqassma mill-ġdid minn tali UCITS lid-detenturi tal-ishma tagħha.

50. Għalhekk, kuntrarjament għas-sitwazzjoni li minnha oriġinaw is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249), hemm rabta, stabbilita mil-leġiżlazzjoni Daniża, bejn l-għoti tal-eżenzjoni lill-UCITS residenti u s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi tal-ishma tagħhom, kif fuq kollox ammettiet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha. Għalhekk inqis li s-sitwazzjoni ta' dawn tal-aħħar tista' tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fl-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet.

51. Madankollu, it-teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tad-detenturi tal-ishma tal-UCITS ma jfissirx, fl-opinjoni tiegħi, li s-sitwazzjonijet, eżaminati fit-totalità tagħhom, ma humiex oġġettivament komparabbli, b'tali mod li d-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Daniża hija aċċettata. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Daniża ma tiħux is-sitwazzjoni tad-detenturi tal-ishma tal-UCITS b'mod komplet, b'tali mod li d-differenzi fit-trattament li jirriżultaw minn din il-lakuna ma jistgħux ikunu ġġustifikati minħabba differenza fis-sitwazzjoni oġġettiva [26].

52. F'dan ir-rigward, inqis li l-eżami tas-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi tal-ishma jista' jsir minn tliet angoli differenti. L-ewwel nett, tista' tiġi kkomparata s-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi tal-ishma *residenti*, skont jekk jinvestux f'UCITS residenti jew f'UCITS mhux residenti. It-tieni nett, il-paragun jista' jsir fuq is-sitwazzjoni fiskali tad-detentur ta' ishma *residenti* ta' UCITS residenti meta mqabbla ma' dik ta' detentur ta' ishma mhux residenti ta' UCITS mhux residenti. Finalment, it-tielet nett, huwa possibbli wkoll li tiġi eżaminata l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet tad-detenturi tal-ishma *mhux residenti*, skont jekk jinvestux f'UCITS mhux residenti jew residenti [27].

26 Fis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286), sabiex tiċħad l-argument tal-Gvern Franċiż li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tieħu inkunsiderazzjoni wkoll is-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma, il-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx ruħha tirrileva li din il-leġiżlazzjoni kienet limitata tagħmel differenza bejn l-UCITS skont jekk jirrisjedux fi Franza jew le. Fil-fatt, fil-punti 31 sa 38 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, b'mod konkret, inkluż għall-UCITS ta' distribuzzjoni, jekk is-sitwazzjoni fiskali tad-detenturi ta' ishma kollha kinitx verament u kompletament meħuda inkunsiderazzjoni minn din il-leġiżlazzjoni, kif kien jallega l-Gvern Franċiż.

27 Għall-kuntrarju, fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-UCITS u d-detenturi ta' ishma tagħhom, fl-opinjoni tiegħi, ma hijiex rilevanti, il-komparabbiltà bejn is-sitwazzjoni ta' detentur ta' ishma mhux residenti ta' UCITS mhux residenti li jirċievi dividendi minn kumpannija Daniża u s-sitwazzjoni ta' investitur mhux residenti li jirċievi direttament dividendi minn kumpanniji Daniżi.

53. Fir-rigward tal-ewwel każ, ma narax distinzjoni oġġettiva bejn detentur ta' ishma Daniż u detentur ta' ishma ieħor Daniż, skont jekk jinvestux f'UCITS residenti jew mhux residenti. Dawn iż-żewġ detenturi ta' ishma jaqgħu fil-kompetenza fiskali tar-Renju tad-Danimarka u għandhom, bħala regola, jiġu ttrattati b'mod mhux diskriminatorju. Madankollu, filwaqt li detentur ta' ishma Daniż li jagħmel investiment f'UCITS mhux residenti - li, anke jekk tista' tiġi kklassifikata bħala "fond tal-Artikolu 16 C", tkun suġġetta għat-taxxa f'ras il-għajn - dejjem ikun suġġett, kif jammetti l-Gvern Daniż, għal tassazzjoni fi stadji suċċessivi, id-detentur ta' ishma Daniż li jinvesti f'UCITS residenti, ikklassifikata bħala "fond tal-Artikolu 16 C" u eżentata mit-taxxa f'ras il-għajn, jista' jnaqqas it-taxxa f'ras il-għajn mit-taxxa fuq id-dħul jew mit-taxxa fuq il-kumpanniji li effettivament għandu jħallas.

54. It-tieni każ, jiġifieri l-komparabbiltà tas-sitwazzjoni fiskali tad-detentur ta' ishma residenti ta' UCITS residenti u s-sitwazzjoni tad-detentur ta' ishma mhux residenti ta' UCITS mhux residenti, ma jidhirlix li twassal għal sitwazzjoni differenti. It-tnejn li huma, mill-perspettiva tal-leġiżlazzjoni Daniża, jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli meta jinvestu f'UCITS li ma jerġgħux iqassmu d-dividendi li jirċievu minn kumpanniji Daniżi.

55. Fir-rigward tad-detenturi ta' ishma mhux residenti tal-UCITS mhux residenti ta' distribuzzjoni u d-detenturi ta' ishma residenti tal-fondi tal-Artikolu 16 C li jirrisjedu fid-Danimarka, nirrileva li, fis-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 74), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward tal-eżami tal-komparabbiltà oġġettiva tat-trattament fiskali ta' persuni taxxabbli residenti u mhux residenti mill-Istat Membru tas-sors tad-dividendi li jitħallsu lilhom li, "meta taxxa fuq id-dividendi titnaqqas f'ras il-għajn minn Stat Membru fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti f'dan l-Istat, il-paragun bejn it-trattament fiskali ta' persuna taxxabbli mhux residenti u dak ta' persuna taxxabbli residenti għandu jsir fid-dawl, minn naħa, tat-taxxa fuq id-dividendi dovuta mill-persuna taxxabbli mhux residenti u, min-naħa l-oħra, tat-taxxa fuq id-dħul jew tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta mill-persuna taxxabbli residenti u inkluż, fil-bażi taxxabbli, id-dħul provenjenti mill-azzjonijiet li minnhom jirriżultaw id-dividendi". Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 58(1)(a) KE (li sar l-Artikolu 65(1)(a) TFUE), is-sempliċi teħid inkunsiderazzjoni tat-taxxa fuq id-dividendi, bħala tali, ma huwiex biżżejjed, peress li l-analiżi għandha tinkludi fiha t-tassazzjoni kollha li tirrigwarda d-dħul tal-persuni fiżiċi jew il-profitti tal-kumpanniji provenjenti miż-żamma ta' azzjonijiet f'kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru [28].

56. Meta applikat għal din il-kawża, dan il-kriterju ta' komparabbiltà tal-oneru fiskali effettiv, li għandu jitħallas mill-persuni taxxabbli residenti u mhux residenti fl-Istat Membru tas-sors, ifisser li ma jkunx korrett li jiġi sempliċement irrilevat li d-detenturi ta' ishma mhux residenti ta' UCITS mhux residenti, li tista' tiġi kklassifikata bħala "fond tal-Artikolu 16 C", huma suġġetti b'mod indirett għat-taxxa f'ras il-għajn miġbura mingħand din l-impriża filwaqt li d-detenturi ta' ishma ta' fond Daniż tal-Artikolu 16 C huma suġġetti direttament għat-taxxa f'ras il-għajn miżmuma minn dan tal-aħħar, bir-riżultat li dawn id-detenturi ta' ishma ma jkunux f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli. Fil-fatt, analizzata fit-totalità tagħha, it-taxxa mħallsa mid-detentur ta' ishma mhux residenti hija finali, filwaqt li d-detentur ta' ishma residenti jista' dejjem inaqqas it-taxxa f'ras il-għajn mit-taxxa fuq id-dħul jew mit-taxxa fuq il-kumpanniji li huwa għandu jħallas fid-Danimarka.

57. Ċertament, id-detentur ta' ishma mhux residenti jaqa' fil-kompetenza fiskali ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tat-tassazzjoni tad-dħul tiegħu. Madankollu, jidher li, bħala regola ġenerali, u sa fejn l-Istat Membru ta' residenza tad-detentur ta' ishma japplika, sabiex jipprevjeni t-tassazzjoni doppja, il-metodu ta' imputazzjoni, it-taxxa fuq id-dividendi miġuba f'ras il-għajn ma tistax, jew tallinqas mhux totalment,

28 Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 73). Fil-każ fejn is-sitwazzjoni tad-detenturi ta' ishma ma ttieħditx inkunsiderazzjoni, l-argument żviluppat f'din is-sentenza jista', fl-opinjoni tiegħi, jiġi estiż għall-vetturi ta' investimenti stess, peress li l-oneru fiskali globali huwa sistematikament ogħla għall-UCITS mhux residenti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "fondi tal-Artikolu 16 C" meta mqabbla ma' dak sostnut mill-fondi tal-Artikolu 16 C residenti fid-Danimarka.

tiġi rrimborsata jew imputata fuq it-taxxa fuq id-dħul jew fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji f'dan l-Istat Membru [29]. Fi kwalunkwe każ, indipendentament, jekk ikun il-każ, minn ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, Stat Membru ma jistax jinvoka l-eżistenza ta' vantaġġ mogħti unilateralment minn Stat Membru sabiex jevita l-obbligi tiegħu taħt it-Trattat KE [30].

58. Finalment, fir-rigward tal-komparabbiltà ta' detenturi ta' ishma mhux residenti li jagħmlu investiment kemm f'UCITS mhux residenti, li tista' tkun kklassifikata bħala "fond tal-Artikolu 16 C", kif ukoll f'fond tal-Artikolu 16 C residenti fid-Danimarka, filwaqt li l-ewwel sitwazzjoni, kif sostniet il-Kummissjoni, dejjem tkun suġġetta għall-ġbir tat-taxxa f'ras il-għajn mingħand l-UCITS mhux residenti, li, għalhekk, tkun ibbażata fuq id-dividendi mqassma, mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-ispejjeż u t-telf eventwali, id-detentur ta' ishma li jinvesti f'fond tal-Artikolu 16C stabbilit fid-Danimarka jkun suġġett għat-taxxa f'ras il-għajn li l-bażi tagħha tkun tirrigwarda d-distribuzzjoni minima li minnha, skont l-Artikolu 16 C(2)(4) u (5) tal-ligningslov, it-telf u l-ispejjeż amministrattivi tal-impriża jistgħu jitnaqqsu wkoll. L-oneru fiskali globali jkun għalhekk inqas oneruż għat-tieni milli għal dawk tal-ewwel, mingħajr ma dan, fl-opinjoni tiegħi, huwa ġġustifikat b'differenza fis-sitwazzjoni oġġettiva ta' dawn id-detenturi ta' ishma mhux residenti kollha mill-perspettiva tal-Istat tas-sors tad-dividendi mqassma.

59. Peress li, fl-opinjoni tiegħi, il-leġiżlazzjoni Daniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tinżamm minħabba li tapplika għal sitwazzjonijiet oġġettivament differenti, jeħtieġ li sabiex tinżamm, din tkun iġġustifikata b'raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

### *D. Fuq in-natura ġġustifikata tar-restrizzjoni*

60. Skont il-Gvern Daniż u dak Olandiż, id-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Daniża hija ġġustifikata kemm minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni (1) kif ukoll minħabba dik ta' preservazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali (2). F'dan l-istadju għandi nindika li, għalkemm l-ewwel motiv ma jikkonvinċix, jiena inklinat naħseb li s-sistema Daniża tista' tkun iġġustifikata bil-ħtieġa ta' preservazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali, iżda li din hija, madankollu, sproporzjonata fir-rigward ta' dan l-għan.

#### *1. Fuq it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni*

61. Il-Gvern Daniż ifakkar li d-detenturi ta' ishma barranin għandhom obbligu fiskali (f'ras il-għajn) limitat fuq id-distribuzzjonijiet minimi regolarment imħallsa mill-fondi tal-Artikolu 16 C li jirrisjedu fid-Danimarka, filwaqt li l-prodotti korrispondenti li jitħallsu lilhom minn UCITS mhux residenti ma jaqgħux fis-setgħa ta' tassazzjoni tad-Danimarka, anki jekk il-fondi hekk imqassma jkunu ġejjin minn investimenti tal-imsemmija UCITS f'kumpanniji Daniżi. Issa, skont dan il-Gvern, li teżenta lill-UCITS mhux residenti mit-taxxa f'ras il-għajn fuq-id-dividendi mqassma minn kumpanniji Daniżi għandha bħala effett li d-detenturi ta' ishma barranin jevitaw b'mod totali t-taxxa Daniża fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji Daniżi minħabba s-sempliċi fatt li l-investimenti tagħhom f'tali kumpanniji jsiru permezz ta' UCITS mhux residenti, fatt li jikkompromettі d-dritt tad-Danimarka li teżerċita l-kompetenza fiskali tagħha fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tagħha.

29 Ara, f'dan is-sens, Adema R., *UCITS and Taxation*, Kluwer Law International, Den Haag, 2009, p. 39-40 u Hippert G., "The TFEU Eligibility of Non-EU Investment Funds Subjected to Discriminatory Dividend Withholding Taxes", *EC Tax Review*, 2016-2, p. 82 (li fih kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw ukoll sitwazzjoni fi ħdan l-Unjoni). Fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund (C-194/06, EU:C:2008:289, punti 42 sa 47 u 65), il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat ukoll li l-Istat Membru ta' residenza ta' UCITS seta' jirrifjuta li jagħti l-kumpens ta' taxxa f'ras il-għajn miġbura fuq id-distribuzzjoni ta' dividendi mħallsa lil din l-impriża minn kumpanniji residenti fi Stati Membri oħra, kuntrarjament għas-sitwazzjoni ta' UCITS li tirċievi dividendi minn kumpanniji tal-imsemmi Stat Membru jew ta' Stati Membri oħra, li magħhom l-Istat Membru ta' residenza kien ikkonkluda ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, minħabba l-fatt li d-differenza fit-trattament kienet tirriżulta mill-eżerċizzju parallel tal-kompetenzi fiskali,li l-Istati Membri għandhom.

30 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta (C-379/05, EU:C:2007:655, punt 78) u tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 77).

62. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jikkonvinċuni bl-ebda mod.

63. Huwa veru li, skont ġurisprudenza stabbilita, in-neċessità li jitħares it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tiġi aċċettata, meta s-sistema inkwistjoni tkun intiża tipprevjeni aġir li jista' jippreġudika d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu [31].

64. Madankollu, minn ġurisprudenza daqstant stabbilita jirriżulta li, meta Stat Membru jkun għażel li ma jintaxxax lill-UCITS residenti benefiċjarji ta' dividendi ta' oriġini nazzjonali, ma tistax tiġi invokata l-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa tat-tassazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li tiġi ġġustifikata t-tassazzjoni ta' UCITS mhux residenti benefiċjarji ta' dan id-dħul [32].

65. F'dan il-każ, peress li r-Renju tad-Danimarka għażel [33] li jeżenta biss it-taxxa f'ras il-għajn tad-dividendi riċevuti mill-fondi tal-Artikolu 16 C li jirrisjedu fid-Danimarka, bl-esklużjoni tal-UCITS mhux residenti, inkluż, fuq kollox, dawk li jistgħu jossidisfaw jew li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal distribuzzjoni previsti mill-Artikolu 16 C tal-ligningslov, it-tassazzjoni tal-UCITS mhux residenti biss ma tistax tiġi ġġustifikata bil-għan li ma jiġix kompromess l-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali ta' dan l-Istat Membru.

66. Konsegwentement, il-motiv ibbażat fuq it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud.

*2. Fuq il-ħtieġa ta' preservazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali*

67. Il-Gvern Daniż, Ġermaniż u dak Olandiż isostnu li hemm rabta diretta, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bejn il-vantaġġ fiskali mogħti taħt forma ta' eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn u t-tpaċija ta' dan il-vantaġġ bit-tassazzjoni immedjata tad-detenturi ta' ishma fuq il-profitti tal-UCITS. Din ir-rabta diretta hija miżmuma anke meta l-ammonti mqassma mill-UCITS lid-detenturi ta' ishma huma inqas minn dawk tad-dividendi eżentati mit-taxxa f'ras il-għajn. Fil-fatt, mis-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund (C-194/06, EU:C:2008:289), u tas-27 ta' Novembru 2008, Papillon (C-418/07, EU:C:2008:659), jirriżulta li r-rabta diretta tista' teżisti anke jekk il-vantaġġ fiskali ta' sistema ma huwiex paċut kollu kemm hu, jiġifieri anke jekk id-dividendi li bbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn jerġgħu jitqassmu kollha mill-ġdid. Barra minn hekk, skont il-Gvern Ġermaniż, ir-rabta diretta hija miżmuma anke meta żewġ persuni taxxabbli differenti huma kkonċernati, kif turi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

68. Fidelity Funds, NN (L) SICAV u l-Kummissjoni huma ta' opinjoni differenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis, minn naħa, li l-bażi tat-tassazzjoni applikata lid-detenturi ta' ishma ta' UCITS residenti ma hijiex ekwivalenti għal dik tat-tassazzjoni applikata permezz tat-taxxa f'ras il-għajn tat-taxxa fuq id-dividendi mħallsa lill-UCITS mhux residenti, u t-taxxa f'ras il-għajn ma hijiex biżżejjed sabiex tpaċi l-vantaġġi li minnhom igawdu d-detenturi ta' ishma tal-UCITS residenti meta mqabbla mad-detenturi ta' ishma tal-UCITS mhux residenti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tirrimarka li persuna jew kumpannija residenti fid-Danimarka li tipparteċipa f'UCITS mhux residenti hija intaxxata fid-Danimarka fuq id-dħul li ġej mill-UCITS mhux residenti, indipendentament mill-fatt li l-imsemmija impriża hija diġà suġġetta, fid-Danimarka, għat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li

31 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 47) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 98).

32 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 48) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 99).

33 Għa kull fini, infakkar li, fil-kawża prinċipali, l-eżenzjoni tal-fondi tal-Artikolu 16 C li jirrisjedu fid-Danimarka hija bbażata fuq għażla magħmula mill-Ministru għat-Taxxi Daniż (ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet).

hija tirċievi minn kumpanniji Daniżi. Din it-tassazzjoni ekonomika doppja ma tapplikax għal persuna jew kumpannija residenti fid-Danimarka li tipparteċipa f'UCITS residenti li għandha l-istatus ta' impriża li tqassam skont l-Artikolu 16 C tal-ligningslov. Il-vantaġġ li jgawdu minnu l-imsemmija UCITS residenti ma huwiex paċut minn elementi oħra fil-leġiżlazzjoni Daniża.

69. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija issa ġurisprudenza stabbilta li, sabiex il-preservazzjoni tal-koerenza ta' sistema fiskali tkun tista' tiġġustifika restrizzjoni għal libertà ta' moviment, huwa meħtieġ li tkun stabbilita l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u t-tpaċija ta' dan il-vantaġġ b'ġbir fiskali partikolari, filwaqt li n-natura diretta ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni [34]. Barra minn hekk, il-motiv ibbażat fuq il-preservazzjoni tal-koerenza fiskali jirrikjedi eżami fir-rigward ta' sistema fiskali waħda [35].

70. Fis-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punt 73), tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 52), u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 93), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eżistenza ta' rabta diretta minħabba li l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn tad-dividendi inkwistjoni f'dawn il-kawżi ma kinitx suġġetta għall-kundizzjoni li d-dividendi riċevuti milll-kumpanniji, mill-fondi ta' investiment jew mill-UCITS ikkonċernati jerġgħu jitqassmu mill-ġdid minn dawn tal-aħħar u li t-tassazzjoni tagħhom fi ħdan id-detenturi ta' ishma ta' dawn il-kumpanniji u impriżi tippermetti t-tpaċija tal-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn.

71. Kif diġà ppreċiżajt f'konklużjonijiet oħrajn [36], il-Qorti tal-Ġustizzja ma teskludix għaldaqstant iktar - u t-tliet sentenzi msemmija iktar 'il fuq juru dan perfettament - li l-kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' rabta diretta tista' tkun issodisfatta anke meta l-vantaġġ u l-ġbir fiskali partikolari intiż sabiex ipaċi l-imsemmi vantaġġ ma jirrigwardawx l-istess persuna taxxabbli.

72. Kuntrarjament għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li minnhom joriġinaw it-tliet sentenzi ċċitati fil-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, u kif urejt preċedentement, is-sistema Daniża tissuġġetta l-eżenzjoni tal-UCITS residenti għall-kundizzjoni ta' distribuzzjoni minima (effettiva jew teknika) lid-detenturi ta' ishma tagħhom, li huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn, miġbura f'isimhom, mill-imsemmija impriżi. Il-vantaġġ hekk mogħti lill-UCITS residenti, taħt il-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn, huwa għalhekk paċut bit-tassazzjoni tal-imsemmija dividendi, imqassma mill-ġdid minn dawn l-impriżi, fi ħdan id-detenturi ta' ishma ta' dawn tal-aħħar.

73. Mingħajr ma tikkontesta b'mod fundamentali l-eżistenza ta' tali rabta diretta, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-vantaġġ mogħti lill-fondi tal-Artikolu 16 C li jirrisjedu fid-Danimarka ma huwiex totalment jew b'mod sħiħ paċut bit-tassazzjoni fi ħdan id-detenturi ta' ishma tagħhom, b'tali mod li l-koerenza tas-sistema fiskali hija ppreġudikata.

74. Issa, nirrileva li l-kundizzjoni mressqa mill-Kummissjoni li t-tassazzjoni għandha tpaċi b'mod sħiħ il-vantaġġ mogħti ma tirriżultax mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u l-Kummissjoni fuq kollox ma tibbażax ruħha fuq xi preċedent f'dan is-sens.

34 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 51) u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 92).

35 Ara s-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 94).

36 Ara, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Columbus Container Services (C-298/05, EU:C:2007:197, punt 189) u fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-493/09, EU:C:2011:344, punt 38).

75. Fir-realtà, u b'mod iktar ġenerali, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li r-rabta diretta meħtieġa bejn il-vantaġġ mogħti u l-ġbir fiskali partikolari hija aktar ta' natura ġuridika milli r-riżultat ta' relazzjoni aritmetika ftit jew wisq preċiża bejn dawn iż-żewġ elementi. Barra minn hekk, dan l-approċċ jinftiehem faċilment peress li n-natura diretta tar-rabta, kif irrimarkajt, għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan huwa għalhekk eżami tal-loġika interna li teżisti bejn il-vantaġġ u l-ġbir fiskali iktar milli dak li jikkonsisti fil-kalkolu tal-effett ta' tpaċija reali u, *a fortiori*, integrali ta' dan tal-aħħar.

76. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja xi drabi qieset li n-natura diretta tar-rabta kienet timplika "korrelazzjoni stretta" bejn l-element ta' tnaqqis, jiġifieri l-vantaġġ, u dak relatat mat-tassazzjoni [37].

77. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li din il-preċiżazzjoni essenzjalment saret f'kuntesti li kienu jirrigwardaw li jiġi muri li l-koerenza fiskali allegata f'dawn il-kawżi ma kinitx stabbilita fil-kuntest ta' sistema fiskali waħda, *iżda kienet imressqa fuq livell ieħor, jiġifieri dak tar-reċiproċità tar-regoli applikabbli bejn Stati partijiet għal ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja* [38]. Barra minn hekk, l-ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma tindika li l-imsemmija "korrelazzjoni stretta" timplika korrispondenza perfetta bejn l-ammont tal-vantaġġ mogħti u l-ammont tal-ġbir fiskali li għandu jpaċi l-imsemmi vantaġġ.

78. Fid-dawl ta' dan, huwa wkoll meħtieġ, sabiex tiġi aċċettata, li r-restrizzjoni tkun adattata u proporzjonata fid-dawl tal-għan ta' preżervazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali segwit.

79. F'dan ir-rigward, lest li naċċetta, kif jenfasizza l-Gvern Daniż, li r-rabta diretta bejn il-vantaġġ fiskali taħt il-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn u t-tpaċija tiegħu bit-tassazzjoni immedjata tal-profitti mqassma tisparixxi jekk dan il-vantaġġ kellu jingħata wkoll lill-UCITS li ma impenjawx ruħhom iqassmu l-profitti tagħhom b'mod regolari.

80. Madankollu, peress li r-Renju tad-Danimarka aċċetta li l-UCITS mhux residenti jistgħu volontarjament jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' distribuzzjoni previsti bil-leġiżlazzjoni Daniża u, għalhekk, ikunu validament ikklassifikati bħala "fondi tal-Artikolu 16 C", ma narax, bħall-Kummissjoni, għaliex dawn l-impriżi ma jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn, bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet fiskali ta' dan l-Istat Membru jiżguraw ruħhom, bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' dawn l-impriżi, li dawn tal-aħħar iħallsu taxxa ekwivalenti għal dik li l-fondi tal-Artikolu 16 C Daniżi huma mitluba jżommu, bħala taxxa f'ras il-għajn, fuq id-distribuzzjoni minima kkalkolata skont din id-dispożizzjoni. Tali miżura tkun, fl-opinjoni tiegħi, inqas restrittiva mis-sistema preżenti u ma taffettwax il-kundizzjonijiet u l-koerenza interna tagħha.

81. Fil-kawża prinċipali, sa fejn ma jidhirx li Fidelity Funds ippruvat, anke bħala miżura ta' prekawzjoni, tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti ta' distribuzzjoni minima previsti fl-Artikolu 16 C tal-ligningslov fis-snin finanzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jidhirli li, minkejja r-risposta pożittiva li għandha tingħata għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, ir-rikors tagħha probabbilment ma jistax jintlaqa'.

37 Ara s-sentenzi tal-11 ta' Awwissu 1995, Wielockx (C-80/94, EU:C:1995:271, punt 24), tat-3 ta' Ottubru 2002, Danner (C-136/00, EU:C:2002:558, punt 41), tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y (C-436/00, EU:C:2002:704, punt 53), tat-28 ta' Frar 2008, Deutsche Shell (C-293/06, EU:C:2008:129, punt 39) u tat-22 ta' Jannar 2009, STEKO Industriemontage (C-377/07, EU:C:2009:29, punt 53).

38 Ara s-sentenzi tal-11 ta' Awwissu 1995, Wielockx (C-80/94, EU:C:1995:271, punt 24), tat-3 ta' Ottubru 2002, Danner (C-136/00, EU:C:2002:558, punt 41) u tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y (C-436/00, EU:C:2002:704, punt 53).

**Konklużjoni**

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li tingħata r-risposta segwenti għad-domanda magħmula mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka):

L-Artikolu 56 KE (li sar l-Artikolu 63 TFUE) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli residenti fl-imsemmi Stat Membru jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li jirċievu minn kumpanniji residenti jew għaliex huma effettivament jipproċedu b'distribuzzjoni minnima favur id-detenturi ta' ishma tagħhom li fuqha t-taxxa hija miżmuma f'ras il-għajn, jew għaliex, teknikament, distribuzzjoni minima hija kkalkolata li abbażi tagħha tinżamm it-taxxa f'ras il-għajn fi ħdan id-detenturi ta' ishma tagħħhom, filwaqt li l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli mhux residenti tal-istess natura huma intaxxati f'ras il-għajn fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti.